# IL-FESTA TAL-KARMNU THEJJI L-FESTA TAD-DULURI

Kif wieħed jinnota mill-programm tal-Festa Titulari tal-Parroċċa tagħna, il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tiġi ftit jiem biss qabel dik parrokkjali. Minħabba f'hekk dehrilna li jkun ta' interess ġenerali li nagħtu xi tagħrif dwar il-knisja tal-Karmnu li tinsab fil-parroċċa tagħna.



Din il-knisja tinsab fit-triq ewlenija ta' San Pawl il-Baħar qrib il-post imsejjaħ "Ix-Xagħra tal-Bandieri", int u sejjer lejn il-post l-ieħor imsejjaħ "Il-Veċċa".

Ix-xogħol fuq din il-knisja kien inbeda' fis-16 ta' Awissu 1854 skond il-pjanta ta' Dr. Emanuel De' Baroni Gauci u tlesta fl-10 ta' Frar 1855. Il-Knisja ġiet imbierka f'Mejju tas-sena 1856.

Il-Kwadru titulari, li jirrappreżenta il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha u bil-labtu f'idha tal-lemin, kien ġie irregalat lil din il-knisja mill-Kavallier il-Markiż Filippu Ġakbu Cassar Desain u li tiegħu hemm l-arma u l-isem fin-naħa t'isfel ta' l-istess kwadru.

Dun Santin d'Amico Depiro, Rettur ta' din il-knisja, fl-1924 kabbar is-sakristija u fuqha bena kamra għall-użu ta' min ikun Rettur. L-istess Dun Santin ħa ħsieb ikabbar din il-knisja fuq pjanta tal-Perit Edward Borg Cardona u kienet lesta fl-ewwel xhur tas-sena 1927.

Huwa ġab minn Marsilja żewġ statwi ta' daqs naturali għal żewġ niċeċ li hemm fil-ġnub tal-knisja. Fl-1930, is-Sur Ġużepp Bonnici ħadem kanċell tal-ferrobattuto għall-intrata tal-knisja. Fl-1963 inxtraw sett gandlieri tar-ram, għall-prima u s-sekonda, biex jintużaw fil-festi. Fl-1974 P. Bastjan Scicluna ħadem artal mejda ta' l-injam biex jitqiegħed quddiem l-ieħor, l-antik, li hu ta' l-irħam.

Fl-1977, il-kamra li hemm taħt l-orgni, int u dieħel mal-lemin, ġiet adattata bħala konfessjunarju komdu b'injam tal-parana. Sentejn wara sar sett ta' bankijiet tal-parana biex ħadu post is-siġġijiet il-qodma li kien hemm. Dawn taw dehra sabieħa ħafna lill-knisja.

Fil-maltempata li kienet saret wara nofsinhar tal-25 ta' Ottubru 1979, kienu saru ħsarat fil-garigor tal-bejt, fis-saqaf tas-sakristija u fiz-zuntier. Dan kien ġir rranġat mill-ħaddiema tal-Gvern u kien ħa sura oħra minn dik ta' qabel. Fi Frar 1980 saru t-tiswijiet ta' ġewwa u t-tibjid u ż-żebgħa tal-knisja kollha, biex hekk ħadet dehra nadifa u sabieħa.

Il-flus għal dawn l-opri kollha ġew mill-ġenerożita' tan-nies li għandhom għall-qalbhom din il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu li tagħtihom servizz tajjeb matul is-sena kollha.

Mhux ta' min iħalli barra lil Patri Duminik Bonello OFM.Conv., li għal snin ṫwal kien Rettur ta' din il-knisja. Għal xi snin ukoll insibu lil Patri Marius Galea. li ta s-servizz tiegħu f'din il-knisja. Żgur li x-xogħol ta' fejda ta' dawn ir-Retturi tal-Knisja tal-Karmnu, flimkien mad-dedikazzjoni kbira tas-Sinjorina Carmela Bonnici, huwa rikonoxxut min-nies li jiġu f'dil-Knisja. Minnhom jiġi kull radd ta' ħajr, imma fuq kollox il-Mulej iħallas kif jaf hu lil dawk li jagħtuh servizz f'għalqa tiegħu.